**200. L-Onor. Anton Refalo MP u l-Onor. Justyne Caruana MP jipproponu :-**

Billi sa mill-1998 1-Amministrazzjoni tal-Katidral unanimament iddeċidiet illi fid-dintorni taċ-Ċittadella għandu jinbena kumpless edukattiv, soċjali, kulturali u reliġjuż li l-iskop tiegħu primarjament ikun ta' servizz għall-komunita' tal-belt Victoria, Għawdex u jilħaq għanijiet u funzjonijiet importanti oħra fosthom li tingħata iktar ħajja liċ-Ċittadella biex tattira iktar turisti u fl-istess ħin anke jkun hemm parkeġġ daqstant vitali għal din il-parti tal-Belt Victoria.

Billi biex jiġi realizzat dan il-proġett, l-Amininistrazzjoni tal-Katidral fost mizuri oħra, daħlet f'kuntratt ta' permuta mal-Gvern ta' Malta li in forza tiegħu l-Gvern permezz ta' 1-Uffiċċju Konġunt ta l-kunsens tiegħu sabiex art proprjeta' tal-Gvern Victoria, Għawdex .tingħata lid-Djoċesi ta' Għawdex bi tpartit ma' art oħra proprjeta' tal-Knisja ukoll fir-Rabat, Għawdex u bil-kundizzjoni wkoll li l-istess Katidral jirrilaxxja madwar erbgħin tomna oħra fl-inħawi ta' l-Għarb, Għawdex liema tpartit sar bis-saħħa tal-ftehim ta' l-1991 bejn is-Santa Sede u l-Gvern Malti.

Billi saru l-aplikazzjonijiet neċessarji mal-MEPA bin-numri 1109/03 u 5484/03 u dawn saru wara li kemm il-Gvern tal-lum, 1-Oppożizzjoni kif ukoll il-Kunsill Lokali tar-Rabat taw il-wegħda solenni tagħhom li jaqblu mal-proġett.

Billi l-istess Amministrazzjoni tal-Katidral dejjem kienet lesta, fl-interess talħarsien ambjentali u patrimonju storiku Għawdxi, li taderixxi ma' kwalunkwe kundizzjoni li tiġi mposta mill-MEPA biex jiġi realizzat dan il-proġett inkluż anki li jsir EIA u fil-fatt l-istess Amministrazzjoni diġa' nefqet ammont sostanzjali ta' flus fuq dan il-proġett li għadu ma mmaterjalizzax.

Billi kulħadd jemmen li dan il-proġett huwa utli għall-gżira ta' Għawdex altru milli bżonnjuż għall-komunita' Parrokjali tal-Katidral.

Għaldaqstant din il-Kamra tħeġġeġ lill-Gvern biex mingħajr iktar telf ta' ħin, jonora l-wegħdi tiegħu stess u jiehu dawk il-miżuri kollha biex il-proġett imsemmi ikun approvat bla dewmien u jitwettaq fl-aħjar interess tal-poplu Għawdxi.

**26.9.05**